

Brussell, 3 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9441/21

SCH-EVAL 64  
DATAPROTECT 153  
ENFOPOL 213  
FRONT 212  
MIGR 104  
SIRIS 52  
VISA 115  
COSI 109  
ASIM 36  
IXIM 108  
ASILE 33  
COMIX 298

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 277 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ"

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 277 final.

Mehmuż: COM(2021) 277 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2021  
COM(2021) 277 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**"Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ"**

*“Irridu nirrestawraw l-erba’ libertajiet – fit-totalità tagħhom u kemm jista’ jkun malajr. Il-qofol ta’ dan huwa żona Schengen ta’ moviment liberu li tiffunzjona bis-sħiħ. Se naħdmu mal-Parlament u mal-Istati Membri biex dan inqegħduh fuq quddiem fl-aġenda tagħna u se nipproponu strateġija ġdida għall-futur ta’ Schengen.”* Il-President von der Leyen, id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020

## **1. INTRODUZZJONI: SCHENGEN - KISBA INDISPENSABBLI TAL-UE**

Iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni (“iż-żona Schengen”) hija l-akbar żona ta’ vjvjaġġar liberu fid-dinja. Din tagħmilha possibbli għal aktar minn 420 miljun persuna li jivvjaġġaw liberament, u li l-oġġetti u s-servizzi jiċċirkolaw mingħajr xkiel. Bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri bejn l-Istati Membri, iż-żona Schengen saret parti mill-istil ta’ ħajja Ewropew tagħna. Hija simbolu tal-interkonnnettività tal-Ewropa u tar-rabtiet bejn il-popli tal-Ewropa<sup>1</sup>. Iż-żona Schengen tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-Suq Uniku, u b’hekk għat- tkabbir tal-ekonomija tal-Unjoni.

Iż-żona Schengen hija waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea u ma hemm l-ebda dubju dwar ir-rwol fundamentali tagħha fil-kostruzzjoni tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>. Madankollu, f’dawn l-aħħar snin, din ripetutament ġiet ittestjata minn serje ta’ kriżijiet u sfidi. Il-kriżi bla preċedent tar-refuġjati tal-2015 kixfet nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-Unjoni tal-fruntieri esterni u l-migrazzjoni, li wasslu għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni f’għadd ta’ Stati Membri. Il-kontrolli fil-fruntieri interni reġġu ġew introdotti wkoll b’reazzjoni għat-theddida terroristika persistenti wara s-sensjela ta’ attacchi fuq it-territorju Ewropew. Dan kollu dgħajef il-klima ta’ fiduċja meħtieġa biex tiġi sostnuta żona ħielsa mill-kontrolli fil-fruntieri interni.

Is-sena li għaddiet xeħtet dawl qawwi fuq il-fatt li, filwaqt li ma jstax jiġi miċħud li l-pedamenti ta’ Schengen huma parti mid-DNA tal-Ewropa, Schengen ma tistax tittieħed bħala fatt awtomatiku. Il-pandemija tal-COVID-19 tippreżenta sfida bla preċedent u poġġiet pressjoni kbira fuq iż-żona Schengen, li wasslet biex ħafna Stati Membri reġġu introduċew il-kontrolli fil-fruntieri interni, li xi drabi fixklu l-funzjonament xieraq tas-suq intern. L-impatt ta’ dawn il-kontrolli nħass b’mod partikolari min-nuqqas ta’ koordinazzjoni, speċjalment f’żoni transfruntiera. Billi l-kontrolli fil-fruntieri interni ġew stabbiliti mill-ġdid, it-trakkijiet ħabbtu wiċċhom ma’ sigħat twal ta’ stennija biex jaqsmu minn Stat Membru għal ieħor, u dan fixkel il-ktajjen tal-provvista fl-UE b’mod serju. B’hekk, il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet fuq quddiem l-implikazzjonijiet ekonomiċi ta’ Schengen u r-relazzjoni intrinsika tagħha mas-

<sup>1</sup> L-Ewrobarometru Speċjali 474: Iż-Żona Schengen, disponibbli fuq [https://data.europa.eu/euodp/nl/data/dataset/S2218\\_89\\_3\\_474\\_ENG](https://data.europa.eu/euodp/nl/data/dataset/S2218_89_3_474_ENG).

<sup>2</sup> Il-ħtieġa li l-Unjoni toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni hija minquxa fit-Trattati — l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Suq Intern. Aktar minn hekk, l-għeluq tal-fruntieri jirrappreżenta tħassib reali għaċ-ċittadini, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntieri, filwaqt li għandu impatt reali fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum.

***Fatti essenziali rilevanti għaż-żona Schengen:***

- Iż-żona Schengen tinkludi 26 pajjiż Ewropew<sup>3</sup>, b'popolazzjoni ta' madwar 420 miljun persuna<sup>4</sup>.
- Iż-żona Schengen hija mdawra minn 42 673 km ta' fruntieri fil-baħar u 7 721 km ta' fruntieri tal-art<sup>5</sup>.
- Hemm kważi 1,7 miljun persuna li jirrisjedu f'pajjiż Schengen wieħed filwaqt li jaħdmu f'pajjiż ieħor, u kuljum madwar 3.5 miljun persuna jaqsmu l-fruntieri interni taż-żona Schengen<sup>6</sup>.
- Kull sena jsiru madwar 24 miljun vjaġġ fuq negozju fiż-żona Schengen<sup>7</sup>.
- Il-persuni li jirrisjedu fiż-żona Schengen jagħmlu aktar minn 1,25 biljun vjaġġ fiż-żona Schengen kull sena<sup>8</sup>.
- Madwar 150 miljun resident taż-żona Schengen jgħixu f'reġjuni tal-fruntieri, li jammontaw għal 30 % tal-popolazzjoni tal-UE<sup>9</sup>.
- Ir-reġjuni tal-fruntiera jkopru 40 % tat-territorju tal-UE<sup>10</sup>.

Maż-żmien, saru sforzi qawwija biex jittaffa l-impatt tal-kontrolli fil-fruntieri interni, bil-Kummissjoni toħroġ żewġ rakkomandazzjonijiet<sup>11</sup>, li b'mod partikolari jinkoraġġixxu l-użu ta' aktar verifiki mill-pulizija fir-reġjuni tal-fruntieri bħala alternattiva għall-kontrolli relatati mal-migrazzjoni u s-sigurtà. Dan l-aħħar tfasslet sensiela oħra ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19<sup>12</sup>, inkluż il-ħolqien ta' sistema

<sup>3</sup> L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u l-Iżvizzera. Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma legalment obbligati li jingħaqdu maż-żona fil-futur; L-Irlanda għandha dritt ta' esklużjoni fakultattiva, iżda tipparteċipa fil-partijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, mal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja.

<sup>4</sup> Iż-żona Schengen, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/8b556648-c5fe-427a-b9fb-8e7de617e125/language-en>.

<sup>5</sup> Ibid.

<sup>6</sup> [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/621815/EPRS\\_BRI\(2018\)621815\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/621815/EPRS_BRI(2018)621815_EN.pdf)

<sup>7</sup> Ibid.

<sup>8</sup> Iż-żona Schengen, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/8b556648-c5fe-427a-b9fb-8e7de617e125/language-en>.

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE, l-20 ta' Settembru 2017, COM(2017) 534 final.

<sup>10</sup> Ibidem.

<sup>11</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/820 tat-12 ta' Mejju 2017 dwar verifiki proporzjonati tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen, (ĠU L 122, 13.5.2017, p. 79), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1804 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli tal-fruntieri interni fiż-żona Schengen, (ĠU L 259, 7.10.2017, p. 25).

<sup>12</sup> Eż. Il-Linji Gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali, COM (2020) 1753, il-Linji Gwida dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, COM (2017) 571, u dwar l-assistenza ta' emerġenza fil-kura tas-saħħa transkonfinali, C (2020) 2153, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475, u l-emenda tagħha (UE) 2021/119, għal approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.

ta' "Korsiji Ħodor" biex jiġi żgurat li l-qsim tal-fruntieri jibqa' miftuħ għall-vetturi tal-merkanzija kollha biex in-nies u n-negozji jibqgħu jiġu fornuti bl-oġġetti u s-servizzi. Il-Kummissjoni rrakkomandat sistema ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, u miżuri li jridu jkunu proporzjonati sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-approċċi lejn l-ivvjaġġar fl-Unjoni u barra l-Unjoni.

Miżuri unilaterali u mhux ikkoordinati għandhom ir-riskju li jċaħħdu liċ-ċittadini mid-drittijiet tagħhom, u li jżommu lura l-irkupru tal-Ewropa. Skont analiżi tal-Kummissjoni tal-kost ekonomiku dirett li kieku ma kienx hemm Schengen<sup>13</sup>, id-dewmien fil-fruntieri jkollu impatt sostanzjali fuq il-forniment ta' servizzi transfruntiera, it-trasport, it-turiżmu, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-ħaddiema u l-vjaġġaturi fruntalieri. Għal dawn il-kategoriji, il-kostijiet diretti huma stmati li jvarjaw bejn EUR 5 u EUR 18-il biljun fis-sena. Il-kostijiet indiretti fuq perjodu medju ta' żmien li kieku ma kienx hemm Schengen jistgħu jkunu konsiderevolment oġġla minn dawk diretti stmati, peress li l-impatti fuq il-kummerċ, l-investiment u l-mobbiltà intra-UE jkunu mingħajr preċedent.

Huwa tal-akbar importanza għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi li ż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tiġi lura għal li kienet. Dan ġie rikonoxxut mill-Parlament Ewropew<sup>14</sup> u mill-Kunsill Ewropew<sup>15</sup> li talbu li jitreġġa' lura l-funzjonament normali taż-żona Schengen.

L-Istrateġija tirrifletti l-konsultazzjonijiet intensivi li l-Kummissjoni wettqet mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra matul l-aħħar sena u hija bbażata fuq il-konklużjonijiet taż-żewġ Fora Schengen li saru f'Novembru 2020 u f'Mejju 2021. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħha se tiddependi minn impenn politiku u djalogo akbar biex tissawwar kooperazzjoni dejjem aktar mill-qrib.

*Il-ħtieġa ta' strateġija komprensiva li ssostni l-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja*

Iż-żona Schengen hija waħda mill-aktar manifestazzjonijiet ċari tal-Unjoni dejjem eqreb bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini. Din bdiet bħala proġett intergovernattiv fost ħames Stati Membri biss lura fl-1985. Minkejja l-isfidi, komplet tikber u tapprofondixxi, u espandiet għal

<sup>13</sup> Jiġifieri s-sitwazzjoni li fiha l-kontrolli fil-fruntieri jkunu ġew introdotti mill-ġdid għal perjodu itwal ta' żmien. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, Lura lejn Schengen - Pjan ta' Direzzjoni, 4 ta' Marzu 2016, COM(2016)120.

<sup>14</sup> Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2021 dwar is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen wara t-tifqigħa tal-COVID-19, [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0175\\_MT.html#def\\_1\\_1](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0175_MT.html#def_1_1); Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2021 dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2017, fl-2018 u fl-2019, [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0011\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0011_MT.html), u r-Rapport dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2017, fl-2018 u fl-2019, 17 ta' Diċembru 2020, (2019/2132(INI)), [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2020-0270\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2020-0270_MT.html).

<sup>15</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/21787/0216-euco-conclusions.pdf>, <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2018/06/29/20180628-euco-conclusions-final/>, <https://www.consilium.europa.eu/media/39922/20-21-euco-final-conclusions-en.pdf>.

26 pajjiż. Din tikkostitwixxi parti integrali mill-qafas legali tal-UE li l-Membri l-ġodda kollha jridu jallinjaw ruħhom miegħu. Il-futur ta' Schengen irid ikun ikkaratterizzat minn impenn kontinwu biex tiġi ppreservata u msaħħa din il-libertà essenzjali li hija mutur tat-tkabbir ekonomiku. Dak il-futur immedjat irid ikun immarkat ukoll minn espansjoni kontinwa għal dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom mhumiex parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Iż-żamma tal-benefiċċji ta' Schengen tirrikjedi azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni, u sforzi kostanti mill-Istati Membri kollha. Fuq kollox, din tirrikjedi impenn u fiduċja reċiproka. Matul l-aħħar 36 sena, gradwalment ġew żviluppanti qafas legali komprensiv ta' Schengen u għodod operazzjonali komuni biex iż-żona mingħajr kontrolli tiġi protetta aħjar fil-fruntieri interni. B'mod ġenerali, il-pedamenti ta' Schengen huma sodi u fil-biċċa l-kbira tagħhom l-Istati Membri jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet essenzjali li fuqhom jiddependi l-funzjonament tajjeb ta' Schengen, mill-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni, il-politiki komuni dwar il-viżi u r-ritorni, sal-kooperazzjoni tal-pulizija u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*<sup>16</sup>. L-Ewropa hija fost ir-reġjuni bl-aktar ivvjaġġar fid-dinja, u ħarġet aktar minn 17-il miljun viża ta' Schengen fl-2019 biss. Il-fatt li dawn is-sistemi jistgħu jkampaw bil-kwiet ma' dan juri kemm l-Unjoni qed tiffunzjona tajjeb.

Iżda l-ebda sistema ma tista' tibqa' rilevanti maż-żmien mingħajr ma tiġi mġedda. Hemm bżonn li l-qafas legali ta' Schengen jiġi mtejjeb u msaħħa b'mod kostanti sabiex jiġu indirizzati r-realtajiet u l-isfidi tal-lum u ta' għada. Iż-żona Schengen hija bbażata fuq tliet pilastri ewlenin: (1) **ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni**, (2) **miżuri li jikkumpensaw għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni** (politika komuni dwar il-viżi, politika ta' ritorn, strumenti rilevanti ta' kooperazzjoni tal-pulizija u diversi sistemi tal-IT, u r-rekwiżiti relatati tal-protezzjoni tad-*data*), u (3) **governanza robusta**, inkluż mekkaniżmu effiċjenti ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, u tħejjija akbar. **Huma meħtieġa azzjonijiet fit-tliet oqsma kollha kemm huma biex tiġi protetta l-integrità taż-żona Schengen u jkompli jittejjeb it-tħaddim tagħha.** Barra minn hekk, is-sostenn tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jirrikjedi miżuri effettivi fil-qasam tas-sigurtà, tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja kif ukoll fil-qasam tal-migrazzjoni. Mingħajr ma huma formalment parti mill-*acquis* ta' Schengen, huma wkoll fundamentali għall-promozzjoni tal-fiduċja reċiproka u s-salvagwardja tal-eżerċitar effettiv tal-libertajiet fundamentali fl-Unjoni.

Din l-Istrateġija tqis il-progress li sar fuq dawn il-pilastri fundamentali u miżuri ewlenin oħra li jsostnu l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u tipproponi azzjonijiet ulterjuri biex iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ssir aktar reżiljenti u tiffunzjona bis-siġħ.

---

<sup>16</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 L-Ewwel Programm ta' Evalwazzjoni Pluriennali (2015-2019), COM(2020) 779 final.

## 2. ĠESTJONI MODERNA U EFFETTIVA TAL-FRONTIERI ESTERNI TAL-UNJONI

Fil-qalba tagħha, Schengen hija n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Iżda peress li kull min jaqşam il-fruntieri esterni – bl-ajru, bl-art jew bil-baħar – jista' jivvjaġġa liberament lejn u għewwa l-Istati Membri l-oħra, l-eżistenza ta' Schengen tassumi livell għoli ta' fiduċja f'ġestjoni robusta tal-fruntieri esterni. Għalhekk, it-twaqqif taż-żona Schengen kien jirrikjedi l-iżvilupp ta' sett komprensiv ta' regoli tal-Unjoni li jiżguraw ġestjoni komuni u effiċjenti ħafna tal-fruntieri esterni komuni tagħna bħala responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri kollha u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, u tal-UE, biex tikkumpensa għall-eliminazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

Dan sar id f'id b'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab tagħna fil-Balkani tal-Punent, u fil-Viċinat usa' tal-Unjoni, u b'hekk tejjeb il-livell ta' kondivizzjoni ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja mal-Istati Membri kif ukoll mal-aġenziji tal-Ġustizzja u tal-Affarjiet Interni. Fil-futur, jeħtieġ li nkomplu nsaħħu l-fiduċja fir-robustezza tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Dan jirrikjedi approċċ integrat u strateġiku għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, sorveljanza sistematika tal-fruntieri, sistemi tal-IT moderni u interkonnessi, proċeduri dejjem aktar diġitalizzati u kooperazzjoni kontinwa ma' pajjiżi terzi.

### *Approċċ integrat għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni*

Il-ġestjoni effiċjenti u koordinata tal-fruntieri esterni hija essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja bejn l-Istati Membri sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' fruntieri miftuħa, iżda kkontrollati tajjeb u siguri. Kapaċitajiet, sistemi tal-IT u teknoloġiji moderni komuni ġodda jista' jkollhom l-effett sħiħ tagħhom biss jekk l-approċċ ġenerali għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni jkun strateġiku u jekk l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-fruntieri, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni jkunu integrati u implimentati bis-sħiħ. L-Unjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jaħdmu b'mod konġunt biex jiksbu ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri kompletament effettiva fil-prattika, li tlaqqa' flimkien l-atturi rilevanti kollha kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. L-għan huwa li jiġu pprovvuti kemm il-qafas strateġiku kif ukoll il-komponenti operazzjonali meħtieġa biex il-politiki tagħna jiġu konnessi aħjar u għalhekk jiġu eliminati l-lakuni bejn il-protezzjoni tal-fruntieri, is-sigurtà, ir-ritorn, u l-migrazzjoni, filwaqt li dejjem tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali<sup>17</sup>.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni dalwaqt se tniedi diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar il-**Politika Strateġika Pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-**

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1) (ir-“Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta”).

**fruntieri**<sup>18</sup>. Dan il-proċess se jiġi implimentat ulterjorament permezz tal-istrateġija teknika u operazzjonali adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex u l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri.

### *Sorveljanza sistematika tal-fruntieri esterni*

Biex jinkisbu bis-shiġh l-imperattivi ta' Schengen, u fl-isfond tal-isfidi reċenti u l-possibiltajiet li ġabu żviluppi teknoloġiċi ġodda, f'dawn l-aħħar snin l-Unjoni Ewropea ħadet deċiżjonijiet importanti biex issaħħaħ il-fruntieri esterni bl-għan li tibdel il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni f'waħda mis-sistemi l-aktar ta' prestazzjoni eċċellenti fid-dinja. Il-mandat imsaħħaħ tal-Frontex fl-2019 u l-istabbiliment **tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta** huma eżempju veru tal-integrazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Għall-ewwel darba, l-Unjoni għandha s-servizz uniformi proprju tagħha biex tappoġġa l-ġestjoni Ewropea tal-fruntieri esterni komuni u politika effettiva tal-UE dwar ir-ritorn. Dan il-korp permanenti ġdid, li għandu jkun magħmul minn 10 000 uffiċjal tal-Frontex u nazzjonali, se jkun jista', fi kwalunkwe mument, jappoġġa lill-Istati Membri li jkunu qed jiffaċċjaw sfidi fil-fruntieri esterni komuni u jagħmel ir-ritorni aktar effettivi.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni shiġha u f'waqtha tal-mandat il-ġdid tal-Frontex u tilqa' l-fatt li l-ewwel timijiet tal-korp permanenti huma lesti għall-istazzjonament, bil-korp shiġh mistenni li jkun lest sa tmiem l-2027. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Frontex biex tkompli l-monitoraġġ u flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali maqbul internament għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Mill-2017<sup>19</sup>, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jirrikjedi li l-persuni kollha, irrISPettivament min-nazzjonalità tagħhom, isirulhom **kontrolli sistematiki kontra bażijiet ta' data rilevanti mad-dħul u l-ħruġ miż-żona Schengen** sabiex jiġi vverifikat li dawk il-persuni ma jirrappreżentawx theddida għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna. Madankollu, ġew identifikati diversi sfidi fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Filwaqt li r-regoli l-ġodda jipprevedu derogi għal kontrolli sistematiki taħt ċerti kundizzjonijiet, implimentazzjoni inkonsistenti ta' dawn l-eċċezzjonijiet tista' ddgħajjef l-effettività tal-istrument. Sabiex jintlaħqu l-oġġla standards ta' sigurtà, huwa kruċjali li l-Istati Membri jivverifikaw sistematikament lill-vjaġġaturi kollha kontra bażijiet ta' data rilevanti fil-fruntieri esterni u japplikaw kwalunkwe deroga b'mod uniformi. Barra minn hekk, il-konsultazzjoni tal-avviżi u d-diffużjonijiet tal-Interpol rilevanti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji fil-kontrolli fil-fruntiera tal-ewwel linja jridu jittejbu. Biex tappoġġa

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896, l-Artikolu 8. L-implimentazzjoni effettiva tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' ċiklu ta' politika strateġika pluriennali.

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) dwar it-tishiġ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' data rilevanti (ĠU L 74, 18.3.2017, p. 1).

dawn l-objettivi doppji, sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, se tħejji gwida biex tiżgura li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi u li kwalunkwe deroga tintuża b'mod limitat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni rressqet miżuri addizzjonali biex issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, b'mod partikolari billi ppreżentat, f'Settembru 2020, proposta għal **kontroll preventiv** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu b'mod irregolari fil-fruntiera esterna<sup>20</sup>. Ladarba jiġu adottati, ir-regoli se jkunu applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera esterna mingħajr awtorizzazzjoni. Din se taġixxi bħala l-ewwel pass fis-sistemi kumplessivi tal-ażil u r-ritorn, u se taċċellera l-proċess tad-determinazzjoni tal-istatus ta' persuna u t-tip ta' proċedura li jenħtieġ li tapplika għaċ-ċirkostanzi tagħha. Il-kontroll ta' qabel id-dħul se jkompli jsaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni b'rispett sħiħ tal-obbligi kollha tad-drittijiet fundamentali. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill javvanzaw bin-negozjati biex jadottaw ir-Regolament mingħajr dewmien.

Flimkien mal-ġestjoni tal-fruntieri tal-ogħla livell hemm **ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali**, inklużi d-drittijiet tat-tfal, mill-atturi kollha involuti u fil-fruntieri kollha. Minħabba r-rwol imsaħħaħ tal-Frontex, ir-Regolament il-ġdid isaħħaħ ukoll b'mod sinifikanti l-qafas tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija. Reċentement inġatar **Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex** ġdid u l-ħidma tiegħu se tiġi appoġġata minn 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali fil-post, b'indipendenza sħiħa. Id-drittijiet fundamentali se jiffurmaw ukoll komponent ewlieni taċ-Ċiklu ta' Politika Strateġika Pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. Barra minn hekk, il-Frontex, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u billi tibni fuq il-ħidma tagħha, hija mistennija tipprovdi **aktar gwida dwar it-twertiq ta' kontrolli fil-fruntieri u sorveljanza fil-fruntieri**, speċjalment fuq il-baħar.

Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għal kontrolli preventivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu b'mod irregolari fil-fruntiera esterna, l-Istati Membri kollha se jkunu mistennija jistabilixxu mekkaniżmu nazzjonali ta' monitoraġġ biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u biex jiġu żgurati investigazzjonijiet effettivi ta' kwalunkwe ksur. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali se tħejji **linji gwida għal dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ** u se tappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fl-iżvilupp tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' monitoraġġ tagħhom.

*L-implimentazzjoni ta' waħda mill-aktar sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri teknoloġikament avvanzati f'id-dinja*

Sar progress enormi f'termini tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni, meħtieġa għal finijiet ta' sigurtà interna, migrazzjoni u saħħa kemm fil-fruntieri esterni kif ukoll ġewwa ż-żona

---

<sup>20</sup> Il-Proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, it-23 ta' Settembru 2020, COM(2020) 612.

Schengen. Minn dik li inizjalment kienet biss sistema ta' informazzjoni waħda – is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen – l-Unjoni ħolqot arkitettura komuni Ewropea tal-IT b'sistemi interkonnessi ġodda għal finijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, migrazzjoni u infurzar tal-liġi. L-2021 hija sena kruċjali għall-iżvilupp ta' dawn is-sistemi ġodda ta' informazzjoni u l-arkitettura kumplessiva tal-IT.

L-ittejtjar tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)<sup>21</sup> beda f'Marzu ta' din is-sena u se jibqa' għaddej sa tmiem l-2021, bil-għan li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tiffunzjona bis-sħiħ mit-tieni trimestru tal-2022. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)<sup>22</sup> se tibda tiffunzjona fi tmiem l-2022. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)<sup>23</sup> riveduta u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża riveduta jenħtieġ li jitlestew sa tmiem l-2021 u sa tmiem l-2023, rispettivament. L-interoperabbiltà sħiħa tal-arkitettura l-ġdida tal-IT jenħtieġ li tiġi stabbilita sal-aħħar tal-2023. L-interoperabbiltà se tgħaqqad is-sistemi Ewropej kollha għall-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ġustizzja u se tiżgura li dawn is-sistemi kollha “jikkomunikaw” bejniethom, li l-ebda kontroll ma jinqabeż minħabba informazzjoni mhux konnessa, u li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom l-informazzjoni sħiħa, affidabbli u preċiża meħtieġa, filwaqt li jiġu rrispettati għal kollox ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Se tkun ukoll faċilitatur essenzjali għall-ivvjaġġar *bona fide*.

L-implimentazzjoni sħiħa tas-sistemi tal-IT ġodda u aġġornati kollha kif ukoll l-interoperabbiltà tagħhom fil-perjodi ta' żmien previsti bl-ebda mod mhija komputu faċli. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-eu-LISA wrew impenn sħiħ biex jilħqu dan l-oġettiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, flimkien mal-eu-LISA, ipprovdiet – u se tkompli tipprovidi – appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri. Il-progress qed jiġi mmonitorjat mill-qrib b'sistema ta' insewiment tat-tabella ta' valutazzjoni u hemm fis-seħħ għodod biex tiġi żgurata reazzjoni rapida għal kwalunkwe sfida emerġenti possibbli. Is-sistemi tal-IT jistgħu jsiru operattivi biss jekk l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen kollha jkunu lesti fl-istess ħin. Kwalunkwe dewmien f'pajjiż wieħed biss jista' jwaqqaf it-tneđija tas-sistemi f'kull post fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, minħabba d-dipendenzi bejn is-sistemi, dewmien fl-implimentazzjoni ta' sistema waħda jista' jittardja l-iskeda ta' żmien ġenerali għall-arkitettura kollha tas-sistema tal-IT. Għandna responsabbiltà komuni li nilħqu l-għanijiet ta' dan il-proġett ambizzjuż fil-ħin sabiex ikun hemm għodod li jiffunzjonaw bis-sħiħ lesti biex iwiegħbu

---

<sup>21</sup> Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) se tkun sistema awtomatizzata tal-IT għar-reġistrazzjoni ta' vjaġġaturi minn pajjiżi terzi, kemm dawk li huma detenturi ta' viża għal soġġorn qasir kif ukoll dawk eżentati mill-ħtieġa ta' viża, kull darba li jaqsmu fruntiera esterna tal-UE. Ara [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/ees\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/ees_en).

<sup>22</sup> L-ETIAS se tkun sistema fil-biċċa l-kbira tagħha awtomatizzata tal-IT maħluqa sabiex tidentifika riskji ta' sigurtà, ta' migrazzjoni irregolari jew riskji kbar ta' epidemija maħluqa minn viżitaturi eżenti mill-viża li jivvjaġġaw lejn l-Istati ta' Schengen, filwaqt li fl-istess ħin jiġi faċilitat il-qsim tal-fruntieri għall-maġġoranza vasta ta' vjaġġaturi li ma johlqux tali riskji. Ara [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/etias\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/etias_en).

<sup>23</sup> Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija l-aktar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni użata u l-akbar waħda għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Ewropa. Ara [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen-information-system\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/schengen-information-system_en).

għal kwalunkwe sfida f'daqqa u li tevolvi b'mod kostanti.

L-arkitettura tal-IT jeħtieġ li titlesta wkoll mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari billi tiżdied is-sistema riveduta tal-Eurodac. Bħala parti mill-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, f'Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet **Eurodac** aġġornata<sup>24</sup>, li fost l-oħrajn se tgħin biex jiġu segwiti movimenti mhux awtorizzati, tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u jittejjeb ir-ritorn. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill javvanzaw bin-negozjati biex jadottaw din il-proposta mill-aktar fis possibbli.

### *Lejn diġitalizzazzjoni tal-proċeduri fil-fruntiera esterna*

Ladarba l-ivvjaġġar globali jirkupra mill-pandemija tal-COVID-19, huma mistennija żidiet qawwija fil-flussi tal-passiġġieri. Dan se jagħti impetu ġdid lill-proċess tad-diġitalizzazzjoni li diġà kien inbeda qabel il-pandemija, u se jirrikjedi modi innovattivi biex jiġu ffaċilitati u aċċellerati l-kontrolli fil-fruntieri fil-portijiet tad-dħul internazzjonali. Id-dokumentazzjoni diġitali hija kemm aktar effiċjenti kif ukoll aktar sigura. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni se **tippromovi Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża**, bil-għan li l-proċedura tal-viża ta' Schengen issir kompletament diġitalizzata. Bħala l-pass ta' wara, fl-2023, wara valutazzjoni profonda u l-konsultazzjonijiet meħtieġa, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta **proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar**.

### *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

Il-protezzjoni tal-fruntiera esterna tal-Unjoni teħtieġ ukoll kooperazzjoni mill-qrib u sħubija ma' pajjiżi ġirien u sħab. Tali kooperazzjoni hija parti inerenti mill-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-UE. Sħubijiet b'saħħithom, komprensivi, ta' benefiċċju reċiproku u mfassla apposta f'konformità mal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jikkontribwixxu għal migrazzjoni ġestita aħjar u kooperazzjoni msaħħa fil-ġestjoni tal-fruntieri. Kif ġie sottolinjat ukoll fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar<sup>25</sup>, impenn reċiproku qawwi biex, b'mod partikolari, **tiġi msaħħa l-kapaċità ta' ġestjoni tal-fruntieri ta' pajjiżi terzi u jżiedu l-isforzi kontra n-networks kriminali wara l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin** huwa kruċjali. Din il-prijorità se tissaħħaħ aktar mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2021-2025) li ġej.

Il-Patt Ġdid jistipula li l-UE jenħtieġ li tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex iġġib appoġġ operazzjonali għas-sħubijiet il-ġodda, inkluż permezz ta' involviment ħafna aktar mill-qrib tal-aġenziji tal-UE. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll responsabbiltà li

<sup>24</sup> Il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta' data bijometrika, COM(2020)614 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar: Aġenda ġdida għall-Mediterran”, 9 ta' Frar 2021, JOIN(2021) 2 final.

tappoġġa u tippromwovi l-istandards għoljin tagħha ta' protezzjoni tal-fruntieri, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali, fil-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-aġenziji tal-UE jaħdmu wkoll b'mod aktar intensiv mal-pajjiżi sħab. Il-mandat imsaħħaħ tal-Frontex jippermetti appoġġ operazzjonali u tekniku speċifiku u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent, inkluż permezz ta' ftehimiet dwar l-istatus tal-UE ma' sħab tal-Balkani tal-Punent<sup>26</sup>, se tippermetti lill-gwardji tal-fruntiera tal-Frontex jaħdmu flimkien mal-gwardji tal-fruntiera nazzjonali fit-territorju ta' pajjiż sieħeb. Issa l-Frontex tista' ttipprovdi wkoll appoġġ prattiku biex tiġi żviluppata l-kapaċità ta' ġestjoni tal-fruntieri tas-sħab u biex tikkopera mas-sħab biex tottimizza r-ritorn volontarju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ġirien billi tippreżenta **rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għad-dispożizzjonijiet mudelli dwar l-iskambju ta' informazzjoni** dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni li għandha tintuża fi ftehimiet bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi. Se tfassal ukoll **mudell ġdid ta' ftehim dwar l-istatus** biex ttiprovdi bażi biex il-Frontex twettaq operazzjonijiet konġunti fil-pajjiżi terzi, u **mudell ta' arranġament ta' ħidma** biex tarmonizza l-qafas għall-kooperazzjoni prattika ma' dawn il-pajjiżi. Dan se jgħin biex jiġi żgurat mod unifikat ta' kooperazzjoni mas-sħab esterni tal-UE.

#### **Azzjonijiet ewlenin biex tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni**

*Il-Kummissjoni se tippreżenta:*

- Dokument ta' Politika (Q4 2021) segwit minn Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-Politika Strateġika Pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (2022);
- proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (Q4 2021);
- proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar (2023);
- rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli sistematiċi kontra bażijiet ta' *data* (Q4 2021);
- gwida dwar il-kontrolli sistematiċi kontra bażijiet ta' *data* rilevanti mad-dħul u l-ħruġ miż-żona Schengen (Q4 2021);
- Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2021-2025) (Q3 2021);
- rakkomandazzjoni lill-Istati Membri għad-dispożizzjonijiet mudell dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni li għandha tintuża fi ftehimiet bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi (Q3 2021);
- mudell ta' ftehim dwar l-istatus u mudell ta' arranġamenti ta' ħidma ma' pajjiżi terzi (Q3 2021).

<sup>26</sup> Il-ftehim dwar l-istatus mal-Albanija daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019 u mit-22 ta' Mejju 2019, ġew stazzjonati timijiet tal-Frontex. Il-ftehim mal-Montenegro, li ġie ffirmat f'Ottubru 2019, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2020. Inbdiet Operazzjoni Konġunta fil-15 ta' Lulju 2020. Il-ftehim mas-Serbja ġie ffirmat f'Novembru 2019 u rratifikat f'sessjoni straordinarja tal-Parlament fil-25 ta' Frar 2021. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn approvaw il-ftehim fil-11 u l-25 ta' Mejju 2020, rispettivament. L-operazzjonijiet huma mistennija li jibdew fis-16 ta' Ġunju 2021. Sentejn ilu f'Jannar 2019, ġie inizjalat Ftehim dwar l-istatus li jippermetti l-istazzjonament ta' timijiet ta' gwardji tal-fruntiera Ewropej fil-fruntiera bejn il-Kroazja u l-Bożnija-Ħerzegovina, u qed jistenna l-firma tal-Bożnija-Ħerzegovina. Il-ftehim mal-Maċedonja ta' Fuq ukoll għadu qed jistenna li jiġi ffirmat.

*L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li:*

- tadotta l-istrateġija teknika u operazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri;
- tkompli tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit il-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta sal-2027;
- tiżviluppa gwida ulterjuri dwar it-tweġġiq ta' kontrolli fil-fruntieri u sorveljanza fil-fruntieri.

*L-Istati Membri jenħtieġ li:*

- ikompli jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jilhqqu l-iskadenzi legali għall-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-IT ġdid, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA.

*Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jadvanzaw bin-negozjati biex jadottaw mingħajr dewmien:*

- il-proposta għal Regolament dwar kontrolli preventivi;
- il-proposta għal Regolament Eurodac.

### **3. MIŻURI GĦAT-TISĦIĦ INTERN TA' SCHENGEN U MIŻURI KOMPLEMENTARI GĦAL SPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA**

Iż-żona Schengen hija mirfuda minn qafas legali robust ta' miżuri li jappoġġaw il-kooperazzjoni operazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali kif ukoll miżuri fl-oqsma tal-politika dwar il-viża u r-ritorn li ġew żviluppati biex jikkompensaw għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Dawn huma kollettivament magħrufa bħala l-*acquis* ta' Schengen li flimkien iservu biex isostnu l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja<sup>27</sup> billi jippromwovu fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u jissalvagwardjaw l-eżerċitar effettiv tal-libertajiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-Istati Membri jridu jikkooperaw mill-qrib ħafna mhux biss dwar miżuri relatati ma' Schengen, iżda wkoll dwar miżuri kumplimentari oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u f'dak ġudizzjarju kif ukoll f'dak tal-migrazzjoni u l-ażil. Barra minn hekk, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jikkontribwixxi għas-sigurtà fiż-żona Schengen permezz tar-reġim tiegħu ta' valutazzjoni u kontroll tar-riskju għas-sigurtà fil-fruntieri esterni li jissostanzja l-moviment liberu tal-merkanzija.

*Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid għas-sigurtà, inklużi l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu*

F'dawn l-aħħar snin, ġew implimentati bosta miżuri konkreti fil-livell tal-Unjoni biex il-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu jkomplu jiġu miġġielda b'mod effettiv, biex tissaħħaħ is-sigurtà fiż-żona Schengen filwaqt li tiġi żgurata u ppreservata l-possibbiltà tal-

<sup>27</sup> L-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

moviment liberu mingħajr ma wieħed ikun soġġett għal kontrolli fil-fruntieri. Il-Kummissjoni taħdem mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill, mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex timplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet previsti fl-inizjattivi strateġiċi ta' sigurtà ewlenin ippreżentati f' Lulju 2020, bħala parti mill-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (2020-2025)**<sup>28</sup>. Dik l-Istrateġija tiffoka fuq oqsma ta' prijorità biex tkompli trawwem is-sigurtà għal dawk kollha li jgħixu fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tiproteġi lill-Ewropej mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata. Dawn jinkludu:

- **l-Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE**<sup>29</sup> li tindika riskji differenti għas-sigurtà interna tagħna, u tipproponi azzjonijiet biex jiġu rrimedjati, b'mod partikolari, fid-dawl tat-theddida kkawżata mir-ritorn ta' Ġellieda Terroristi Barranin;
- **l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata**<sup>30</sup> li tistabbilixxi għadd ta' miżuri biex tingħata spinta lill-infurzar tal-liġi u lill-kooperazzjoni ġudizzjarja, u biex jiġu indirizzati l-istrutturi tal-kriminalità organizzata, u reati ta' prijorità għolja jew reati li qed jiżdiedu inkluż il-kuntrabandu ta' drogi, armi tan-nar jew reati ambjentali jew il-falsifikazzjoni, u
- **l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin**<sup>31</sup> li tiffoka fuq il-prevenzjoni ta' tali reat, tressaq lit-traffikanti quddiem il-ġustizzja u tiproteġi u tagħti s-setgħa lill-vittmi.

Il-miżuri kollha li jinsabu f'dawn l-istrateġiji jiffurmaw element importanti għall-kisba ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Huma essenzjali biex tittejjeb is-sigurtà fiż-żona Schengen. L-implimentazzjoni effettiva hija kruċjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid għas-sigurtà u konsegwentement għat-tisħiħ tal-fiduċja bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, meta jiġu implimentati u applikati dawk il-miżuri, huwa kruċjali li l-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti rilevanti tal-protezzjoni tad-data.

Implimentazzjoni effettiva tal-prijoritajiet ewlenin tal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE tiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib mal-Balkani tal-Punent u mal-viċinat usa' tal-Unjoni.

#### *It-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja*

F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-uffiċjali tal-pulizija fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni disponibbli għall-kollegi tagħhom fi Stat Membru ieħor. Dawn jenħtieġ li jikkooperaw b'mod effettiv u awtomatiku madwar l-Ewropa. Għalhekk, komponent importanti tal-miżuri li jirfdu s-sigurtà f'żona interdipendenti mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni hija **l-kooperazzjoni tal-pulizija**, li għadha tvarja ħafna

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020) 605 final, l-24 ta' Lulju 2020, [https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/internal-security\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/internal-security_en).

<sup>29</sup> COM(2020) 795 final.

<sup>30</sup> COM (2021) 170 final.

<sup>31</sup> COM (2021) 171 final.

bejn l-Istati Membri kif ukoll fil-livell internazzjonali. B'riżultat ta' dan, il-kriminali u l-gruppi ta' kriminali għadhom qed joperaw madwar l-Istati Membri mingħajr xkiel, u qed jieħdu vantaġġ mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali differenti<sup>32</sup>.

Sabiex niġġieldu kontra l-kriminalità serja u organizzata b'mod effettiv bħala Unjoni, jeħtieġ li mmorru lil hinn mill-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bbażata l-aktar fuq strumenti ta' liġi mhux vinkolanti lejn sħubijiet sistematiċi vinkolanti. Kooperazzjoni mtejba tal-pulizija tista' tespandi wkoll is-sett ta' alternattivi għall-kontrolli fil-fruntieri interni disponibbli għall-Istati Membri. Għal dan il-għan, lejn l-aħħar ta' din is-sena, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva għal **Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija**. Il-Kodiċi li ġej se jipprovdi qafas legali koerenti tal-UE biex jiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni miżmuma minn Stati Membri oħra meta jkollhom bżonnha biex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu.

Biex itejjeb l-iskambju tal-informazzjoni, il-Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija se jifformalizza u jiċċara l-proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari għal finijiet ta' investigazzjoni, inkluż ir-rwol tal-“Punt Uniku ta' Kuntatt” għal tali skambji, u se jagħmel użu sħiħ mill-mezz ta' skambju ta' informazzjoni tal-Europol<sup>33</sup>. Il-Kodiċi se jkun ikkumplementat minn proposta biex jissaħħa l-iskambju awtomatizzat ta' kategoriji ta' *data* importanti skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' **Prüm**<sup>34</sup>. Il-qafas legali l-ġdid se jagħmel l-iskambju tad-*data* tad-DNA u l-marki tas-swaba' kif ukoll tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri aktar effiċjenti u aktar mgħaġġla, u jippermetti biex l-awtoritajiet nazzjonali jkun jistgħu jsiru jafu jekk hije disponibbli *data* fi Stati Membri oħra, u jiksbu aċċess rapidu għaliha. Il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll il-ħtieġa li jiżdiedu kategoriji ġodda ta' *data* f'dan l-iskambju, bħal ritratti, liċenzji tas-sewqan, rekords tal-pulizija u ballistika.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni operattiva madwar l-UE, il-Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija se jindirizza l-ħtieġa ta' standards komuni li jippermettu lill-uffiċjali tal-pulizija jikkooperaw b'mod effettiv mal-kollegi tagħhom fil-pajjiżi ġirien. Filwaqt li jibnu fuq prattiki tajbin fil-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri, l-uffiċjali tal-pulizija jenħtieġ li jkun jistgħu jwettqu operazzjonijiet konġunti u rondi konġunti fiż-żoni tal-fruntiera. Peress li l-kriminali u t-terroristi joperaw madwar l-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-pulizija jenħtieġ li jkun jistgħu jissorveljawhom u jarrestawhom f'insgewimenti li jmorru lil hinn mit-territorji nazzjonali kif meħtieġ. Filwaqt li jirrispetta r-rwol tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà interna u l-flessibbiltà meħtieġa għall-

---

<sup>32</sup> Ara l-EU Serious and Organised Crime Threat Assessment (Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE) (12 ta' April 2021): “*L-attivitajiet kriminali fir-reġjuni tal-fruntieri jieħdu vantaġġ mid-delineazzjonijiet naturali tal-ġurisdizzjonijiet individwali tal-infurzar tal-liġi li joħolqu opzjonijiet għall-evażjoni tal-infurzar tal-liġi u jipprovdu prossimità għal bosta swieq.*” Skont il-Europol, aktar minn 70 % tal-gruppi tal-kriminalità organizzata huma preżenti f'aktar minn tliet Stati Membri.

<sup>33</sup> “Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni” tal-Europol.

<sup>34</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-tiġib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

kooperazzjoni reġjonali, il-Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija se jkollu l-għan li jiċċara u jallinja r-regoli tal-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet transfruntiera tal-infurzar tal-liġi. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija fl-Unjoni se jirrikjedi impenn politiku qawwi mill-atturi rilevanti kollha.

F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta biex **issaħħaħ il-mandat tal-Europol**<sup>35</sup>, pereżempju billi tippermetti lill-aġenzija tappoġġa l-investigazzjonijiet nazzjonali bl-analiżi tal-big *data*. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill javvanzaw bin-negozjati biex jadottaw ir-Regolament il-ġdid mingħajr dewmien.

Huwa essenzjali wkoll li jkomplu jiġu żviluppati l-għodod adottati dan l-aħħar f'idejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. L-użu akbar tal-Infurmazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API) flimkien mar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għandu l-potenzjal li jtejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà bi spiża relattivament baxxa u mingħajr ma jinterferixxi mal-flussi tal-ivvjaġġar. Skont ir-Regolament dwar il-PNR, l-Istati Membri qed jiġbru l-ismijiet tal-passiġġieri għat-titjiriet kollha, inklużi t-titjiriet intra-UE. B'kuntrast ma' dan, skont id-Direttiva tal-API<sup>36</sup>, id-*data* tal-API tinġabar biss b'mod sistematiku għal titjiriet li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għalhekk qed tħejji proposta leġiżlattiva biex tespandi l-użu ta' **informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri (API) biex tkopri wkoll titjiriet intra-Schengen**. Din il-bidla testendi s-sett ta' għodod ta' miżuri ta' kumpens disponibbli għall-Istati Membri li jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jagħmlu użu minn approċċ ibbażat fuq ir-riskju mmexxi mid-*data* fiż-żona Schengen.

Minbarra l-kooperazzjoni msaħħa tal-pulizija, il-fiduċja bejn l-Istati Membri tiddependi wkoll minn kooperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib. Għodda importanti biex jiżdiedu l-ħeffa u l-faċilità ta' konsenja fl-UE hija l-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE), strument ewlieni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. L-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet ewlenin deskritti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-MAE ta' Diċembru 2020<sup>37</sup> kif ukoll ir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-MAE ta' Jannar 2021<sup>38</sup> hija essenzjali għat-tisħiħ tal-operat tal-MAE. Il-Kummissjoni se **taġġorna l-Manwal tal-MAE** u se tipprovdi gwida lill-prattikanti dwar kif għandhom jittrattaw talbiet potenzjalment abbużivi ta' tiftix u estradizzjoni minn pajjiżi terzi. Qed taħdem ma' prattikanti legali permezz ta' grupp ta' koordinazzjoni li għadu kif ġie kkostitwit biex ittejjeb il-ħeffa fl-iskambju ta' informazzjoni dwar il-MAE. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni korretta tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE, filwaqt li tuża l-proċeduri ta' ksur kif xieraq.

Barra minn hekk, , huma rilevanti wkoll l-oqsma ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li jiffukaw fuq il-koordinazzjoni ta' prosekuzzjonijiet transkonfinali, fejn l-Unjoni issa żviluppata serje ta' għodod leġiżlattivi, bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, u stabbiliet aġenzija tal-Unjoni

<sup>35</sup> COM(2019) 796 final tad-9.12.2020.

<sup>36</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* tal-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

<sup>37</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13214-2020-INIT/mt/pdf>.

<sup>38</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0006\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0006_MT.html).

biex tiffaċilita tali koordinazzjoni, bħalma hija l-Eurojust. Huwa essenzjali li l-Eurojust tiżviluppa aktar il-kapaċità tagħha li tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet transkonfinali billi tuża teknoloġija tal-IT moderna u komunikazzjonijiet siguri, inkluż permezz tal-e-Codex u tistabbilixxi konnessjonijiet hit/no-hit ma' aġenziji oħra tal-ĠAI. Bl-istess mod, l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) għandhom jibbenefikaw ukoll minn għodod diġitali billi jipproċessaw l-informazzjoni permezz ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-IT sigura. Il-Kummissjoni qed taħdem biex tiżgura diġitalizzazzjoni aktar ġenerali tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja biex tkompli tiffaċilita din l-evoluzzjoni<sup>39</sup>.

*Il-ħtieġa ta' sistemi li jibqgħu validi fil-futur: nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji eżistenti u futuri*

**L-użu tat-teknoloġija b'appoġġ għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija** u l-infurzar tal-liġi evolva b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, u joffri possibbiltajiet ġodda għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-ġlieda kontra theddid transfruntier u potenzjali madwar il-pajjiżi. Barra minn hekk, it-teknoloġiji moderni huma b'mod partikolari inqas għaljin u jistgħu jkunu effettivi biex jintlaħqu objettivi simili għall-kontrolli fiżiċi temporanji fil-fruntieri. Minbarra l-kontrolli tal-pulizija li l-Istati Membri jistgħu jwettqu fiż-żoni tal-fruntieri (fin-nuqqas tal-kontrolli fil-fruntieri interni), huma jistgħu jimplimentaw ukoll teknoloġiji bħal dawn pereżempju fl-ajruporti jew fl-istazzjonijiet tal-ferrovija bħala żoni ta' riskju akbar.

Barra minn hekk, żvilupp, implimentazzjoni u użu ulterjuri tal-intelliġenza artifiċjali huma essenzjali biex l-infurzar tal-liġi jlaħħaq mal-ammont u l-kumplessità tad-*data* fl-investigazzjonijiet tal-lum u l-użu ta' teknoloġiji moderni mill-kriminali. Wieħed mill-objettivi tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Intelliġenza Artifiċjali<sup>40</sup> huwa li trawwem l-iżvilupp ta' Intelliġenza Artifiċjali sikura u legali li ttrispetta d-drittijiet fundamentali. L-Intelliġenza Artifiċjali teħtieġ aċċess għal settijiet tad-*data* ta' kwalità għolja. Il-ħolqien f'waqtu ta' spazji tad-*data* Ewropej se jgħin fit-tfassil, fit-taħriġ u fl-evalwazzjoni tal-għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

F'dawn l-aħħar snin, sar investiment sinifikanti fir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sigurtà u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri<sup>41</sup> u għadd ta' Stati Membri qed

<sup>39</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Id-Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Sett ta' għodod ta' opportunitajiet, COM(2020) 710 final, it-2 ta' Diċembru 2020.

<sup>40</sup> Il-Proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlativi tal-Unjoni, COM(2021)206 final. Din il-proposta tikklassifika għadd ta' użi tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi bħala ta' riskju għoli.

<sup>41</sup> Il-Kummissjoni tappoġġa din il-ħidma ta' riċerka permezz tal-Programm ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa fil-qasam tas-sigurtà ċivili għas-soċjetà: Mill-2007 sal-2020, l-UE investiet kważi EUR 3 biljun fir-riċerka dwar is-sigurtà, b'madwar 700 proġett immedija matul dak il-perjodu ta' żmien, li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti dwar is-sigurtà, inklużi l-ġestjoni tal-fruntieri u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar.

jimplimentaw sistemi ta' suċċess f'dak ir-rigward<sup>42</sup>. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-adozzjoni u l-użu tat-teknoloġiji ġodda. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li jkompli jsir investiment fir-riċerka għal opportunitajiet li jistgħu jiġu offruti minn teknoloġiji ġodda futuri. Il-Kummissjoni se tippromwovi kemm diskussjonijiet tekniċi kif ukoll dawk politiċi dwar dawn il-kwistjonijiet biex tesplora l-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji moderni filwaqt li tiggarantixxi r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u biex tiżgura l-iskambju tal-aħjar prattiki u għarfien fost l-Istati Membri.

### *Politika komuni dwar il-migrazzjoni u l-ażil*

Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna tal-kriżi tar-refuġjati tal-2015 poġġew iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni taħt pressjoni, u kixfu nuqqasijiet importanti fis-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-solidarjetà u r-responsabbiltà. Is-soluzzjonijiet kollha proposti fil-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** se jikkontribwixxu għal ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, kooperazzjoni aktar mill-qrib u kondiviżjoni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri, u b'hekk se jsaħħu liż-żona Schengen. Il-Patt Ġdid għandu l-għan li jindirizza l-lakuni bejn il-kontrolli fil-fruntieri esterni, il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn fl-Istati Membri billi jistabbilixxi **proċess mingħajr xkiel fil-fruntiera, applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri mingħajr awtorizzazzjoni**. Flimkien mal-proposta tal-kontrolli preventivi, il-Patt iżid ir-rabtiet bejn il-proċeduri tal-ażil u r-ritorn fil-fruntieri esterni. Il-proċeduri l-ġodda fil-fruntieri kif ukoll miżuri oħra inklużi fil-Patt jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u jgħinu fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħarbiet u tal-movimenti mhux awtorizzati fiż-żona Schengen.

Fl-istess ħin, il-Patt jipproponi **mekkaniżmu ta' solidarjetà permanenti** biex jappoġġa lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-akbar sfidi f'termini ta' wasliet irregolari fil-fruntieri esterni. Is-solidarjetà se tkun obbligatorja u mfassla apposta għal dak li huwa meħtieġ fil-prattika. Il-possibbiltajiet għas-solidarjetà se jkopru r-rilokazzjoni, ikkumplimentati minn skemi ta' "sponsorizzazzjoni tar-ritorn", li taħthom Stat Membru jimpenja ruħu li jappoġġa r-ritorni; barra minn hekk, taħt ċirkostanzi speċifiċi, is-solidarjetà tista' tinkludi kontributi oħra, bħal kontributi għall-bini tal-kapaċitajiet għall-ażil, il-kapaċità ta' akkoljenza, l-appoġġ operazzjonali jew il-kuntatt ma' pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu rilevanti li mhumiex fl-UE. Sistema komuni ta' migrazzjoni u ażil b'mod ġenerali u l-assigurazzjoni li hemm sistema b'saħħitha fis-seħħ biex jiġu indirizzati l-wasliet irregolari se jsaħħu l-fiduċja reċiproka u b'riżultat ta' dan jappoġġaw liż-żona Schengen.

### **Azzjonijiet ewlenin biex iż-żona Schengen tissaħħaħ internament**

*Il-Kummissjoni se:*

<sup>42</sup> Sistema bħal din hija, pereżempju, il-miżura emblematika Netherlandiża, is-sistema @MIGO-BORAS. Din is-sistema tippermetti r-rikonnoxximent elettroniku tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni, il-verifika tal-bażijiet tad-*data* rilevanti u d-dispaċċ tar-rondi tal-Marechaussee Rjali biex iwettqu verifiki għal għarrieda.

- tippreżenta proposta leġiżlattiva għal Kodiċi tal-UE dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija (Q4 2021);
- tippreżenta proposta għal Regolament dwar l-obbligu li tiġi kkomunikata *data* antiċipata dwar il-passiġġieri (API) (2022);
- tibda konsultazzjonijiet speċifiċi biex tesplora l-użu tat-teknoloġiji bħala alternattiva għall-kontrolli fil-fruntieri (Q3 2021);
- taġġorna l-Manwal dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (Q4 2021).

*L-Istati Membri jenħtieġ li:*

- jimplimentaw bis-sħiħ l-inizjattivi eżistenti tas-sigurtà, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod tal-infurzar tal-liġi li diġà huma disponibbli.

*Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna javvanzaw bin-negozjati biex jadottaw mingħajr dewmien:*

- il-proposta biex jissaħħa il-mandat tal-Europol;
- il-proposti koperti mill-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

#### **4. AKTAR TĦEJJIJA U GOVERNANZA MTEJBA BIEX TITRAWWEM IL-FIDUĊJA**

Iż-żona Schengen hija appoġġata minn korp sinifikanti ta' miżuri li jikkumpensaw għannuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni iżda dawn il-miżuri jkunu tajbin biss skont kemm tkun tajba l-implimentazzjoni tagħhom. Għal dan, neħtieġu sistema ta' governanza b'saħħitha mgħammra biex tindirizza l-isfidi futuri li jolqtu liż-żona Schengen kollha, kif ukoll djalogu politiku, monitoraġġ u infurzar akbar.

*Djalogu politiku għall-kunsens u l-kooperazzjoni*

Il-Kummissjoni stabbiliet il-Forum Schengen biex tippromwovi djalogu politiku regolari u strutturat fost l-atturi involuti fl-iżgurar tal-funzjonament xieraq taż-żona Schengen. Diġà seħħew żewġ avvenimenti bħal dawn fit-30 ta' Novembru 2020 u fis-17 ta' Mejju 2021, bil-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Ministri għall-Affarijiet Interni. Il-Forum wera li huwa pjattaforma utli biex jipprovdi direzzjoni politika għall-elementi ewlenin inklużi f'din l-Istrateġija, u biex tinbena l-fiduċja.

Abbażi ta' din l-esperjenza, il-**Kummissjoni se tkompli torganizza Fora Schengen regolari** biex tiddiskuti l-istat ta' Schengen fil-livell politiku u trawwem riflessjoni u kooperazzjoni kontinwi dwar ir-reazzjonijiet meħtieġa għall-isfidi attwali u futuri. Il-Forum li jmiss huwa skedat li jsir qabel tmiem l-2021.

Huwa importanti li d-diskussjoni politika tkopri b'mod komprensiv l-elementi kollha tal-arkitettura kumplessa li jappoġġaw il-funzjonament xieraq ta' Schengen. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tniedi mill-ġdid l-adozzjoni tar-**“Rapport dwar l-Istat ta' Schengen”** biex iservi bħala bażi għad-diskussjonijiet fil-Forum annwali. Ir-rapport se jiġbor fil-qosor is-sitwazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, ir-riżultati tal-

evalwazzjonijiet ta' Schengen, u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tintegra f'dawn ir-rapporti t-“Tabella ta' Valutazzjoni tal-Istat ta' Schengen” biex tivvaluta b'mod interkonness l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fl-oqsma ta' politika differenti u tappoġġa aħjar lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' kwalunkwe sfida.

*Tħejjija: l-immodernizzar u l-adattament tas-sistemi tagħna*

L-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni ilha kwistjoni għal diversi snin, ferm qabel il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Diversi Stati Membri ilhom bil-kontrolli fil-fruntieri interni kontinwament fis-seħħ mill-2015. Dan enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar koordinazzjoni fil-livell Ewropew fir-rigward ta' dawn il-kontrolli fil-fruntieri interni, sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tagħhom. B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni ppreżentat emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fl-2017<sup>43</sup>, li, minkejja l-qbil mill-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni, ma rċevietx biżżejjed appoġġ biex in-negozjati jkunu segwiti b'suċċess mill-koleġiżlaturi.

L-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19 kixfet aktar il-ħtieġa ta' qafas stabbli għall-koordinazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-fruntieri esterni u fiż-żona Schengen f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-kapaċità li tiġi indirizzata kwalunkwe pandemija futura jew theddid simili li jaffettwa diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha fl-istess ħin b'mod kompletament ikkoordinat se tkun marka tar-reżiljenza ta' Schengen. Tabilħaqq, l-azzjoni ta' Stat Membru wieħed fil-fruntiera esterna komuni tal-Unjoni jew ġewwa ż-żona Schengen għandha impatt fuq l-oħrajn kollha.

Il-Kummissjoni Ewropea rreaġixxiet mingħajr dewmien fil-limiti tas-setgħat tagħha, billi fetħet b'mod rapidu “kurituri ħodor” għat-tranżitu ta' oġġetti essenzjali u adottat żewġ settijiet ta' linji gwida dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema<sup>44</sup> u l-assistenza ta' emerġenza fil-kura tas-saħħa transkonfinali<sup>45</sup>, kif ukoll għadd ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u interni hekk kif żviluppat il-kriżi<sup>46</sup>. Barra minn hekk, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475<sup>47</sup>, u l-

<sup>43</sup> COM(2017)571 final.

<sup>44</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida dwar l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema matul it-tifqigħa tal-COVID-19, C(2020)2051.

<sup>45</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida dwar l-Assistenza ta' Emerġenza tal-UE f'dak li jirrigwarda l-Kooperazzjoni Transkonfinali fil-Kura tas-Saħħa relatata mal-kriżi tal-COVID-19, C(2020)2153.

<sup>46</sup> Eż. Il-Linji gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali (COM(2020)1753 final), il-Linji gwida dwar is-saħħa, ir-ripatrijazzjoni u l-arranġamenti tal-ivvjaġġar għall-baħħara, l-passiġġieri u persuni oħrajn li jkunu jinsabu abbord il-bastimenti (C(2020)3100 final), u l-Komunikazzjoni: COVID-19: Restrizzjoni Temporanja fuq Vjaġġar Mhux Essenzjali lejn l-UE, COM(2020)115.

<sup>47</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3). Fl-1 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta, fuq proposta mill-Kummissjoni, emendi għar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 fid-dawl ta' livell għoli ħafna ta' trażmissjoni komunitarja madwar l-UE, possibbilment marbuta maż-żieda fit-trażmissibbiltà tal-varjanti l-ġodda tas-SARS-CoV-2 ta' tħassib. Fit-31 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni għamlet proposta li temenda din ir-Rakkomandazzjoni,

emenda tagħha (UE) 2021/119<sup>48</sup>, hađu approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 indirizzat ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni Ewropea<sup>49</sup>.

Filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet miksuba minn dawn l-esperjenzi, il-Kummissjoni beħsiebha tressaq **proposta ġdida għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen** sa tmiem ta' din is-sena. Il-proposta l-ġdida se tkun teħtieġ li tindirizza t-tagħlimiet miksuba mill-kriżi tal-COVID-19 u tibni fuq diskussjonijiet relatati mal-proposta tal-2017, b'mod partikolari fir-rigward tal-preservazzjoni tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni, filwaqt li tasserixxi mill-ġdid il-prinċipju li dan jenħtieġ li jintuża biss bħala l-aħħar istanza, f'każ ta' theddid.

Sabiex jindirizza kwalunkwe sfida futura fil-livell ta' Schengen, il-verżjoni riveduta tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tindirizza sitwazzjonijiet li fihom jinħolqu sfidi serji, inkluża sfida għas-saħħa pubblika, simili għal dik maħluqa mill-pandemija, tal-COVID-19. F'każijiet bħal dawn, huwa importanti li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mill-qrib fil-livell tal-Unjoni bis-salvagwardji meħtieġa sabiex l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tibqa' miżura tal-aħħar istanza. B'dan il-mod, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jkollhom ħarsa ġenerali taċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-ħtieġa tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri. Il-verżjoni riveduta tal-Kodiċi se tindirizza wkoll il-ħtieġa għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jillimitaw l-ivvjaġġar lejn l-UE, filwaqt li tislet notevolment mill-esperjenzi b'reazzjoni għat-theddida serja għas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija fejn kien hemm diverġenzi fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 mill-Istati Membri, u tagħti lok għal qafas flessibbli biex iwieġeb għall-kriżijiet.

Il-kriżi tal-COVID-19 issottolinjat kemm jista' jkun fraġli l-funzjonament sħiħ tas-Suq Uniku. F'Ġunju, il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni dwar it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19 biex tirrifletti dwar kif nistgħu inħejju aħjar, inkunu aktar reżiljenti u kapaċi nirreaġixxu aħjar għall-kriżijiet tas-saħħa pubblika fil-ġejjieni. Il-qafas legali attwali għas-Suq Uniku mhuwix adattat biżżejjed għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Fil-Komunikazzjoni dwar l-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020<sup>50</sup>, il-Kummissjoni ħabbret proposta għal Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza. Dan se jipprovdi soluzzjoni strutturali biex jiġi

---

fid-dawl tat-tiġib tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, u tat-tneđija dalwaqt taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

<sup>48</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/119 tal-1 ta' Frar 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 36I, 2.2.2021, p. 1).

<sup>49</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 208, 1.7.2020, p. 1).

<sup>50</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM(2021)350 final, [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-industrial-strategy-update-2020\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-industrial-strategy-update-2020_en.pdf).

żgurat il-moviment liberu tal-persuni, l-oġġetti u s-servizzi f'każ ta' kriżijiet futuri. L-istrument jenħtieġ li jiggarrantixxi aktar kondiviżjoni tal-informazzjoni, koordinazzjoni u solidarjetà meta l-Istati Membri jadottaw miżuri relatati ma' kriżi.

Fost il-firxa wiesgħa ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet adottati għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni adottat b'mod partikolari s-**sistema tal-“Korsiji Ħodor”**, b'reazzjoni għat-traffiku tal-merkanzija li twaqqaf fil-fruntieri interni f'Marzu 2020<sup>51</sup> u aġġornat abbażi tal-esperjenza miksuba maż-żmien f'Ottubru 2020<sup>52</sup>. L-għan kien li jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista ta' madwar l-UE jkomplu joperaw fiċ-ċirkostanzi kollha. F'konformità mal-prinċipji tal-Korsiji Ħodor, l-Istati Membri ntalbu jiddeżinjaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri interni rilevanti kollha fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) bħala punti ta' qsim tal-fruntieri ta' “korsija ħadra”, miftuħa għall-vetturi kollha tal-merkanzija irrispettivament mill-merkanzija li jgħorru. Il-qsim tal-fruntiera, inkluż kwalunkwe kontroll u skrinjar tas-saħħa, jenħtieġ li ma jdumx aktar minn 15-il minuta u r-restrizzjonijiet bħal kwarantina obligatorja jew l-ittestjar tal-ħaddiema tat-trasport jenħtieġ li jitneħħew, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri proporzjonati u speċifikament adattati biex jimminimizzaw ir-riskju ta' kontaġġu. Għal tħejjija aħjar għal kriżijiet futuri u għall-każ li l-kontroll fil-fruntieri interni jerġa' jsir inevitabbli, minkejja l-miżuri li qed jiġu implimentati, il-Kummissjoni se tikkodifika l-**miżuri ta' mitigazzjoni** pertinenti mil-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet żviluppanti b'rabta mal-COVID-19 **fil-Manwal Prattiku għall-Għassiesa tal-Fruntieri**, li jenħtieġ li jsir l-ewwel punt ta' referenza għall-għassiesa tal-fruntieri f'sitwazzjoni ta' kriżi. Dan jiżgura wkoll il-moviment liberu tal-professjonisti u jipprovdri salvagwardji għall-istazzjonar transfruntier tal-ħaddiema fiż-żmien tal-kriżi (inklużi l-ħaddiema tat-trasport u tas-saħħa).

Barra minn hekk, is-**sistema tal-Korsiji Ħodor issa jenħtieġ li tiġi kkonsolidata** f'qafas li jista' jiġi attivat b'reazzjoni għal kwalunkwe kriżi ġdida. Il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta pjan ta' Kontinġenza għal dan l-għan sa tmiem l-2021, f'konformità mal-inizjattiva usa' dwar Strument ta' Emerġenza tas-Suq Uniku. Rigward l-aspetti tat-trasport u tal-mobbiltà, din l-inizjattiva se tislet tagħlimiet mill-pandemija attwali u se tindirizza l-ħtiġijiet tat-trasport Ewropew tal-merkanzija u tal-passiġġieri f'każ ta' pandemija. Se jiffoka fuq l-iżgurar tal-moviment liberu tal-ħaddiema tat-trasport u tat-trasport tal-merkanzija u l-għoti ta' ċarezza lit-trasport tal-passiġġieri. Dan se jkollu l-għan li jħejji aħjar s-sistema tat-trasport tal-UE għal avvenimenti simili għal pandemija u li jippreserva l-integrità tas-Suq Uniku.

---

<sup>51</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali, 2020/C 96 I/01, C(2020)1897 (ĠU C 96I, 24.3.2020, p. 1).

<sup>52</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, Naġġornaw il-Korsiji Ħodor tat-trasport biex l-ekonomija tibqa' għaddejja matul iż-żieda mill-ġdid fl-għadd ta' każijiet tal-pandemija tal-COVID-19, COM(2020) 685 final.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Blueprint tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni**<sup>53</sup> adottata bħala parti mill-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil se tgħin ukoll biex tiġi żgurata t-tħejjija għal sitwazzjonijiet migratorji diffiċli li jistgħu jaffettwaw lill-Unjoni u r-reazzjoni għalihom. Il-Blueprint tiżgura monitoraġġ kostanti tas-sitwazzjoni migratorja fil-fruntieri esterni tal-UE u f'pajjiżi terzi rilevanti kif ukoll kondiviżjoni f'waqtha tal-informazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha. Il-ħidma tan-Network tal-Blueprint issa tirrikjedi implimentazzjoni sħiħa bil-parteċipazzjoni attiva tal-atturi kollha, u b'mod partikolari tal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti.

### *Monitoraġġ u infurzar imsaħħa*

Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb tiddependi mill-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar minn implimentazzjoni korretta u effiċjenti tal-qafas legali ta' Schengen. Dan huwa kruċjali peress li l-lakuni u n-nuqqas ta' implimentazzjoni fi Stat Membru wieħed jistgħu jaffettwaw lill-Istati Membri kollha u sussegwentement ipoġġu liż-żona Schengen f'riskju.

Il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen ("Mekkaniżmu"), bħala strument bejn il-pari, jappoġġa l-bini tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Huwa essenzjali wkoll għall-funzjonament effettiv ta' Schengen billi jidentifika u jirrimedja l-problemi u jtejjeb l-implimentazzjoni tal-qafas legali mill-Istati Membri.

Schengen aktar b'saħħitha u reżiljenti teħtieġ Mekkaniżmu kompletament adattat għall-iskop tiegħu. Ir-rieżami ta' 5 snin tal-Mekkaniżmu żvela nuqqasijiet li jżommuh milli jaħdem effettivament kemm suppost. Abbażi ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, li wasslu għal fehim komuni wiesa', il-Kummissjoni qed tressaq **proposta għar-reviżjoni tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen**. L-għan tal-proposta huwa li tagħmel il-Mekkaniżmu aktar effiċjenti, strateġiku u mgħammar aħjar biex jindirizza realtajiet u sfidi ġodda. Il-proposta għandha żżid ukoll il-kapaċità tal-Mekkaniżmu li jiffaċilita d-djalogu politiku dwar l-istat ta' Schengen, b'enfasi fuq dawk l-oqsma li għandhom il-potenzjal li jipperikolaw il-funzjonament taż-żona Schengen bħala entità sħiħa.

Il-proposta taċċellera b'mod sinifikanti l-proċess ta' evalwazzjoni biex jiġu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet fil-ħin. Din tistabbilixxi proċedura mħaffa meta l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet li jistgħu jpoġġu f'riskju l-funzjonament taż-żona Schengen. Skont din il-proċedura l-ġdida, l-Istat Membru evalwat irid jibda jimplementa minnufih azzjonijiet biex jirrimedja n-nuqqasijiet anki qabel ma jiġi adottat ir-rapport ta' evalwazzjoni, u jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar il-miżuri meħuda. Din tiffoka wkoll is-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill fuq l-aktar każijiet politikament rilevanti u żżid ir-rwol ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċess.

---

<sup>53</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji), it-23 ta' Settembru 2020, C(2020)6469 final.

Il-proposta toħloq qafas flessibbli biex jiġu integrati bis-siġħ fl-evalwazzjonijiet l-iżviluppi leġislattivi reċenti, bħall-arkitettura tal-IT il-ġdida u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, kif ukoll ir-rwol imsaħħaħ tal-aġenziji rilevanti tal-UE. Din issaħħaħ ukoll l-evalwazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, li jippermettu ħarsa ġenerali aħjar lejn il-prestazzjoni tal-Istati Membri u l-funzjonament taż-żona Schengen b'mod ġenerali. Din tagħti l-flessibbiltà tant meħtieġa biex ikun hemm reazzjoni meta jinqalgħu sfidi ġodda, filwaqt li tissimplifika l-obbligi proċedurali eżistenti u telimina l-burokrazija. Din tiċċara l-ġhodod eżistenti, toħloq oħrajn ġodda, u tespandi ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni minn ħames snin għal seba' snin, dan kollu biex tiżgura monitoraġġ tal-Istati Membri aktar mill-qrib, imfassal apposta u strateġiku.

Il-mekkaniżmu attwali se jkompli jevalwa kif l-Istati Membri qed jimplementaw u japplikaw ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-kapaċità limitata tal-Mekkaniżmu attwali li jidentifika tipi speċifiċi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, il-proposta żżid ir-rwol tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-involvement sistematiku tagħha fl-evalwazzjonijiet kif ukoll ir-rwol ta' partijiet terzi inklużi l-ombudspersons, u l-awtoritajiet li jimmonitorjaw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali. Sabiex iż-żjarat mhux imħabbra jsiru aktar effettivi, il-proposta tipprevedi t-tneħħija tal-avviż sistematiku 24 siegħa qabel għal tali żjarat.

F'dawn l-aħħar snin, ġew stabbiliti mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità u ta' monitoraġġ fil-livelli tal-UE u nazzjonali li jistgħu jikkomplementaw il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen. Il-proposta tipprevedi **sinerġiji akbar ma' dawk l-istrumenti, b'mod partikolari l-proċess ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettaq mill-Frontex**. L-għan huwa li jiġi mmassimizzat l-użu tal-informazzjoni miġbura permezz tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u li jiġu evitati, sa fejn ikun possibbli, id-duplikazzjoni tal-isforzi u r-rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti. Eżempji rilevanti, f'oqsma ta' politika oħrajn fejn se jkun possibbli sinerġiji akbar, huma l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") jew is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-eu-LISA, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT rilevanti. Ir-riżultati tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità (imħeġġa skont ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta) u tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti żviluppat skont il-proposta li tintroduċi kontrolli preventivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni wkoll se jitqiesu fl-evalwazzjonijiet.

Il-Mekkaniżmu jiddependi minn kemm l-Istati Membri huma lesti li jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet. Madankollu, jekk Stat Membru wieħed jonqos milli jimplementa l-leġislazzjoni rilevanti b'mod korrett u ma jkunx qed isegwi r-rakkomandazzjonijiet magħmula, dan ikollu effett fuq iż-żona Schengen kollha. Il-Kummissjoni, fejn meħtieġ u xieraq, se tagħmel **użu aktar sistematiku tas-sinerġiji bejn il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen u l-proċeduri ta' ksur**. Għal dan il-għan, se ssegwi approċċ strutturat, billi tapplika kriterji aktar flessibbli u trasparenti biex tiddeċiedi

dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal proċedura ta' ksur f'konformità mal-politika kumplessiva tal-Kummissjoni dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE<sup>54</sup>. Is-sitwazzjonijiet li fihom jista' jiġi segwit il-ksur jinkludu sejbiet importanti ta' "nuqqas ta' konformità" li jista' jkollhom impatt sostanzjali u immedjat fuq il-funzjonament xieraq ta' Schengen, meta Stat Membru ma jsegwix b'mod sistematiku rakkomandazzjonijiet biex jiġu rrimedjati nuqqasijiet ta' "nuqqas ta' konformità", jew meta jkun hemm "nuqqasijiet persistenti" minħabba li l-Mekkaniżmu ma jkunx irnexxielu jiżgura l-konformità tal-Istati Membri sa tmiem iċ-ċiklu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tniedi djalogu politiku u tekniku mill-qrib mal-Istati Membri li qed ikollhom kontrolli fit-tul fil-fruntieri interni, bil-għan li tifhem is-sitwazzjoni, u tesplora ma' dawk l-Istati Membri għażliet għal miżuri ta' kooperazzjoni speċifiċi bejn Stati Membri ġirien jew kooperazzjoni transfruntiera msaħħa bejn il-pulizija. Meta dawn il-konsultazzjonijiet jikkonfermaw li l-Istati Membri qed jestendu b'mod sproporzjonat il-kontrolli fil-fruntieri interni, mingħajr l-ebda intenzjoni li jaġixxu b'mod ieħor, il-Kummissjoni hija lesta li tagħmel użu mill-mezzi legali għad-dispożizzjoni tagħha. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-introduzzjoni relatata mal-COVID tal-kontrolli fil-fruntieri interni bil-għan li tiżgura li dawn jitneħħew malli s-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti li jsir dan.

### *It-tlestija taż-żona Schengen*

Il-Kummissjoni tqis li t-tlestija ta' Schengen tirrikjedi li jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu segwiti l-aspettattiva leġittima u l-obbligu legali ta' dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom mhumiex kompletament parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni biex jingħaqdu magħha. Il-Bulgarija u r-Rumanija diġà ġew evalwati b'mod pożittiv fil-qafas tal-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen fl-2010/2011. Fir-rigward tal-Kroazja, fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni<sup>55</sup> li ddikjarat li l-Kroazja kienet ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, li ġiet ikkonfermata mill-ġdid wara żjara mmirata mill-ġdid fil-fruntieri esterni tal-Kroazja.

Il-Kummissjoni tqis li issa wasal iż-żmien biex issegwi dawn l-evalwazzjonijiet pożittivi u għalhekk tistieden lill-Kunsill jieħu l-passi meħtieġa biex **il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja jsiru parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tal-Istati Membri**. Dawn l-Istati Membri qed jimplementaw b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tal-*acquis* ta' Schengen, iżda mingħajr il-benefiċċji sħaħ li jiġu meta jkunu parti miż-żona Schengen, u dan jeħtieġ li jitranġa.

<sup>54</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar, C(2016)8600 (ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10).

<sup>55</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-verifika tal-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen min-naħa tal-Kroazja, it-22 ta' Ottubru 2019, COM(2019)497 final.

Mhux biss l-adeżjoni tagħhom fiż-żona Schengen hija aspettattiva legali u obbligu legali ta' dawn il-pajjiżi, iżda l-Kummissjoni hija konvinta wkoll li t-tliet pajjiżi kollha li se jingħaqdu ma' Schengen bis-sħiħ se jżidu s-sigurtà fl-UE kollha kemm hi, peress li dawn il-pajjiżi mbagħad se jkunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ l-għodod disponibbli, bħal dawk marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u mal-interoperabbiltà. L-adeżjoni tagħhom hija finalment kruċjali għal fiduċja reċiproka msaħħa fiż-żona Schengen.

L-istess se japplika għal **Ċipru** ladarba tkun lestiet b'suċċess il-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen li għaddej bħalissa. Mil-lat tekniku, is-sistema nazzjonali ta' Ċipru hija lesta biex tiġi integrata fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, u għalhekk il-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni dalwaqt biex jagħti lil Ċipru aċċess parzjali għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, bħala l-ewwel pass importanti.

**L-Irlanda**, filwaqt li mhix parti miż-żona Schengen, bħala riżultat tal-inklużjoni fakultattiva tagħha fil-parti tal-*acquis* ta' Schengen relatata mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, ilu għandha aċċess għas-sistema minn Marzu 2021. Dan huwa element importanti ieħor għal sigurtà akbar madwar l-UE kollha.

#### **Azzjonijiet ewlenin biex jissaħħu t-tħejjija u l-governanza ta' Schengen**

*Il-Kummissjoni qiegħda:*

- tippreżenta proposta għal Regolament għar-reviżjoni tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen.

*Il-Kummissjoni se:*

- torganizza Fora Schengen regolari u tippreżenta “Rapporti dwar l-Istat ta' Schengen” annwali;
- tippreżenta Komunikazzjoni dwar it-tagħlimiet miksuba mill-kriżi tal-COVID-19 (Q2 2021);
- tniedi djalogi politiċi u tekniċi mal-Istati Membri li qed ikollhom kontrolli fit-tul fil-fruntieri interni (Q3 2021);
- tippreżenta proposta għal Regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (Q4 2021);
- tikkodifika l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet żviluppatti fir-rigward tal-COVID-19 fil-Manwal Prattiku għall-Għassiesa tal-Fruntieri (Q4 2021);
- tippreżenta pjan ta' Kontinġenza li jinkludi l-attivazzjoni mill-ġdid tas-sistema tal-Korsiji Ħodor b'reazzjoni għal kwalunkwe kriżi ġdida f'każ li l-funzjonament xieraq tal-moviment liberu tal-merkanzija fis-Suq Uniku jkun mhedded (Q4 2021);
- tipproponi l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza (2022).

*Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Aġenziji jenħtieġu li:*

- jimmonitorjaw b'mod kostanti s-sitwazzjoni migratorja fil-fruntieri esterni tal-UE u f'pajjiżi terzi rilevanti bil-qafas tal-Blueprint tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet.

*Il-Kunsill huwa mistieden:*

- jieħu l-passi meħtieġa biex il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja (kif ukoll Ċipru ladarba tkun lestiet b'suċċess il-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen li għaddej bħalissa) isiru parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

## **5. KONKLUŻJONI**

36 sena ilu, ħames Stati Membri qablu li jneħħu l-kontrolli fil-fruntieri bejniethom. Bit-tmien tal-kontrolli fil-fruntieri interni bdiet responsabbiltà kondiviża għas-sigurtà interna Ewropea, fi żmien meta l-ebda waħda mis-sistemi li niddependu fuqhom illum ma kienet teżisti. Dak li kien jeżisti kien il-fiduċja u l-impenn lejn il-bini ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni. Il-fiduċja u l-impenn huma assolutament essenzjali biex l-ispace ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jaħdem. Il-fiduċja f'kull Stat Membru li jimplementa r-regoli biex l-Unjoni tinżamm post sikur ta' moviment liberu mingħajr kontroll fil-fruntieri u l-impenn mill-partijiet ikkonċernati kollha involuti biex jippreservaw u jsaħħu l-arkitettura li fuqha hija bbażata ż-żona Schengen.

Bil-miżuri proposti f'din l-Istrateġija, il-Kummissjoni għandha l-għan li tlesti l-firxa ta' għodod meħtieġa biex tiżgura l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen, bħala spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dan għal darba oħra jenħtieġ li jpoġġi l-ekosistema tar-regoli f'bilanċ u jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri sabiex ir-residenti kollha taż-żona Schengen, u l-ekonomija tagħna, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-ġdid minn żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Huwa essenzjali wkoll li nkomplu naħdmu flimkien biex jinstabu soluzzjonijiet għal kriżijiet immedjati bħall-pandemija tal-COVID-19 billi jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet miftiehma dwar l-ivvjaġġar lejn l-UE kif ukoll iċ-ċertifikat diġitali tal-COVID tal-UE mingħajr dewmien u b'mod armonizzat. Huwa daqstant ieħor kruċjali li nkomplu naħdmu mas-sħab tagħna f'pajjiżi terzi biex nindirizzaw il-pressjoni fil-fruntieri esterni tagħna u niżguraw il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-WHO u l-ICAO, biex niġġieldu l-pandemija tal-COVID-19 sabiex inkunu nistgħu nerġgħu lura għan-normal.

Il-Kummissjoni se tressaq il-proposti u l-inizjattivi inklużi f'din l-Istrateġija, u kif xieraq, se tappoġġa lill-Istati Membri finanzjarjament u b'mod operattiv biex tiżgura li l-leġislazzjoni tiġi implimentata kif xieraq. Fl-istess ħin, tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jadottaw il-proposti li għadhom qed jiġu diskussi, bħal dawk imressqa taħt il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, kif ukoll il-proposta għal riforma tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, ippreżentata flimkien ma' din l-Istrateġija.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jimplementaw mingħajr dewmien l-inizjattivi kollha li diġà ġew adottati, b'mod partikolari l-arkitettura l-ġdida tal-IT u r-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dan jenħtieġ li jlesti l-ħidma li saret fl-oqsma tal-fruntieri esterni u s-sigurtà interna, fejn il-miżuri u l-inizjattivi kollha li diġà ntlaħaq ftehim dwarhom issa jeħtieġ li jiġu implimentati kif xieraq. Bil-proposta li jmiss

dwar ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Kummissjoni se tindirizza wkoll il-ħtieġa għall-koordinazzjoni f'każ li jitfaċċaw theddidiet ta' dimensjoni li taffettwa ż-żona Schengen kollha. Bl-istess mod, se jiġi propost Pjan ta' Kontinġenza li jinkludi l-attivazzjoni mill-ġdid tas-sistema tal-Korsiji Ħodor b'reazzjoni għal kwalunkwe kriżi ġdida possibbli — f'każ li l-funzjonament xieraq tal-moviment liberu tal-merkanzija fis-Suq Uniku jkun mhedd. Dan kollu jenħteġ li jwassal biex tiġi żgurata l-fiduċja fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja madwar l-Ewropa kollha fejn iċ-ċittadini tagħna jkunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu u sikur, u fejn ir-rikors għall-kontrolli fil-fruntieri interni jibqa' verament jintuża biss bħala l-aħħar għażla.